

II

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obligatorja)

DEĊIŻJONIJIET

KUNSILL

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tas-16 ta' Ġunju 2008

**dwar il-konklużjoni tal-Ftehim Temporanju
dwar il-kummerċ u materji relatati mal-kummerċ
bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa,
u l-Bożnja u Herzegovina,
min-naħa l-oħra**

(2008/474/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 133 flimkien ma' l-Artikolu 300(2), l-ewwel subparagrafu, u l-Artikolu 300(3), l-ewwel sentenza tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi

- (1) Pendenti d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u l-Bożnja u Herzegovina, min-naħa l-oħra, iffirmat fil-Lussemburgu nhar is-16 ta' Ġunju 2008, jeħtieġ li jiġi approvat il-Ftehim Temporanju dwar il-kummerċ u materji relatati mal-kummerċ bejn il-Komunità Ewropea minn naħa u l-Bożnja u Herzegovina min-naħa l-oħra (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim").
- (2) Id-dispożizzjonijiet kummerċjali li hemm fil-Ftehim huma ta' natura eċċezzjonali, konnessi mal-politika implimentata fi ħdan il-qafas tal-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni u ma jikkostitwixxu, għall-Unjoni Ewropea, ebda preċedent fil-politika kummerċjali tal-Komunità fir-rigward ta' pajjiżi terzi minn barra dawk tal-Balkani tal-Punent.
- (3) Il-Ftehim għalhekk għandu jiġi ffirmat u approvat,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Ftehim Temporanju dwar il-kummerċ u materji relatati mal-kummerċ bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa, u l-Bożnja u Herzegovina, min-naħa l-oħra, l-Annessi u l-Protokolli annessi magħhom, kif ukoll id-dikjarazzjoni konġunta u d-dikjarazzjoni mill-Komunità mehmuża ma' l-Att Finali huma b'dan approvati f'isem il-Komunità.

It-testi msemmija fl-ewwel paragrafu huma mehmuża ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat sabiex jinnomina l-persuni li jkollhom is-setgħa, f'isem il-Komunità, li jiffirmaw il-Ftehim u li jiddepożitaw l-istrument ta' approvazzjoni previst fl-Artikolu 58 tal-Ftehim.

Magħmul fil-Lussemburgu, 16 ta' Ġunju 2008.

Għall-Kunsill

Il-President

D. RUPEL
